MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 236/2007

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-ewwel (1) ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument ‘A’.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li jisimhom Z, li twieldet fit-tnax (12) ta’ Settembru tas-sena elf disa’

mija u tmienja u disghin (1998) u X li twieldet fl-ghoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004).

3. Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' datat sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007).

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ukoll peress li nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

6. Illi l-kunsens tal konvenuta kien ukoll vizzjat, b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li jirregola z-zwigijiet.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Dicembru 1996 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li jirregola z-zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta, filwaqt li ddikjarat li l-kunsens matrimonjali taghha ma kienx vizzjat kif sostnut mill-attur, tghid li "il-komportament ta' l-attur matul iz-zwieg kien tali li huwa certament possibbli li l-

kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg kien vizzjat", u rrimettiet ruhha ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza,inkluzi l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fl-1 ta' Dicembru 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta tichad dak attribwit lilha mill-attur.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Dicembru 1996, meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 26 sena, u wara li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien sitt snin. Minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal li twieldu separatament fit-12 ta' Settembru 1998 u fl-20 ta' Awissu 2004.

Wara konvivenza matrimonjali ta' circa ghaxar [10] snin, il-partijiet isseparaw de facto wara li l-konvenuta skopriet li l-attur kien qed jittrattjeni relazzjoni extra matrimonjali ma' mara barranija. Fis-16 ta' Jannar 2007 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Verzjoni Attur*
L-attur jghid li huwa kien izzewweg lill-konvenuta ghax kien jithassarha, u ghax kienet informatu li kienet harget tqila, liema fatt tat-tqala eventwalment irrizulta li ma kienx minnu.

Jghid li matul l-gherusija ma kienx hemm problemi kbar, ghalkemm il-karattru rizervat tal-konvenuta kien diga' manifest. Wara t-twelid ta' l-ewwel tarbija, jigifieri wara sentejn ta' zwieg, is-sitwazzjoni bejniethom bdiet tirriskontra problemi peress li l-konvenuta kienet saret izjed rizervata u, skond hu, ma kienitx "open hearted" mieghu, u ghalhekk kien hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni bejniethom, liema fattur kien affettwa r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom.  Jghid li l-konvenuta kienet donna qed izzomm "xi mistura haga misterjuza" li kienet timpedixxi li l-partijiet milli jaghtu lilhom infushom ghal xulxin fiz-zwieg.  Jghid li f' dan l-istadju kienet dahlet il-bruda da parti ta' martu fil-konfront tieghu, u hu kien ihoss li ma kienx hemm affezzjoni lejh da parti taghha.

Illi, nonostante din is-sitwazzjoni, huwa xorta wahda ddecieda li jkollhom tarbija ohra, b' tentattiv li l-affarijiet bejn martu jittrangaw, izda, skond hu, r-relazzjoni taghhom baqghet sejra lura minhabba l-komportament, jew ahjar l-attitudini, ta' martu.  Huwa jghid li l-konvenuta ma kienitx "normali" peress li "kienet maghluqa, taghha nnifisha, kliem mill-anqas, dejjem bzajt li hemm xi haga, sallurm ghadni ma nafx x' inhi ezatt."  "konversazzjoni ma kien hemm xejn."  Fuq mistoqsija, jghid li hu kien kapaci li jassumi l-obbligi taz-zwieg, u hu kien ragel tal-familja, filwaqt li l-konvenuta ma kienitx "bizzejjed" kapaci li tkun mara li taqdi d-dmirijiet taghha ta' mara mizzewwga.

Illi fl-affidavit tieghu jispjega  x' wasslu sabiex fis-sena 2006 jidhol f' relazzjoni ma' mara ohra.  Fi kliemu: "Minhabba din l-attitudini negattiva ta' l-intimata' lejn il-hajja mizzewwga, bdejt insib mod kif nehda u nwarrab il-hsiebijiet li kienu qeghdin jinkwetawni hafna.  Iltqajt ma' terza persuna fuq l-internet li maghha kont niftah qalbi dwar il-problemi matrimonjali tieghi."  Jsostni li martu kienet appoggjatu f' din ir-relazzjoni, u kienet "hi li bdiet tghini biex nibda relazzjoni ma' din it-terza persuna…….. [il-konvenuta] kienet kuntenta bis-separazzjoni taghna."

*Verzjoni Konvenuta*

Illi din tghid li hi minn meta ghalqet tmintax-il sena dejjem kellha mpjieg regolari ma’ wiehed mill-Banek lokali, u ghalhekk ma kellhiex bzonn tizzewweg lill-attur biex tghix, u, ghalhekk tichad kategorikament l-allegazzjoni li hi kienet tara lill-attur bhala sors finanzjarju. Tghid li fl-gherusija taghhom, li kienet wahda esklussiva, fis-sens li kienu qatghu li johorgu mal-hbieb, ma kienx hemm problemi, tant li l-partijiet kienu ddecidew li jizzewwgu fid-data li fil-fatt izzewwgu, u tichad it-tezi tal-false pregnancy promossa mill-attur f’ dawn il-proceduri. Tikkonferma li huma kienu zzewwgu ghax riedu, u mhux ghax kienu pressati minn xi hadd jew minn xi cirkostanzi. Inoltre, ir-relazzjoni tal-partijiet bejn il-familji rispettivi kienet wahda tajba hafna.

Il-konvenuta tghid li anke wara z-zwieg ma kienx hemm problemi, u r-relazzjonijiet ta’ bejniethom kienet wahda tajba, sakemm skopriet li, wara t-twelid tat-tieni tarbija taghhom, u precizament fis-sena 2006 zewgha kien qed jikkomunika bl-internet ma’ mara barranija mill-Islovakja,u darba minnhom kienet qabditu f’ konverzazzjoni romantika maghha fuq it-telefon. Tghid li f’ din l-okkazzjoni, ghalkemm hi kienet ikkonfrontat lil zewgha u argumentaw, hija ma ghamlitx xenati minhabba li kien hemm it-tfal imqajjmin; inoltre, hija tghid li hija bniedma rizervata, kwieta u ta’ ftit kliem.

Izda din il-hbiberija ta’ l-attur mal-mara barranija kienet affettwat ir-relazzjoni matrimonjali ta’ bejniethom, u r-relazzjonijiet intimi naqsu drastikament; filwaqt li l-attur kompla jiccettja fuq l-internet mal-habiba tieghu.

Il-konvenuta tikkonferma li, qabel din it-telefonata, ir-relazzjoni matrimonjali taghhom kienet wahda soda, almenu minn naha taghha, u tghid li, ghalkemm hi kienet tkun ghajjiena minn gurnata xoghol, hi qatt ma rrifjutat li jkollha x’ taqsam ma’ zewgha, anke meta dan kien javvicinaha ghal habta tas-1.00 am wara li kien jieqaf minn fuq il-kompjuter.

Hija pero’ tammetti li bejniethom kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni, kemm ghax l-istil ta’ hajja li kienu jghixu,

minhabba x-xoghol taghhom, ma kienitx tippermettilhom hafna hin flimkien; kif ukoll stante li hi tiddeskrivi lilha nnifisha bhala mara kwieta u ta' ftit kliem. Izda l-ispazju dejjem taghtulu lill-attur. Tghid: "Kull meta urieni li ried jitkellem, qatt ma rrifjutatu, qatt m'ghidtlu 'ma rridx nisimghek'" Fuq mistoqsija tghid li hi qatt ma nnutat li kien hemm xi haga qed iddejjaq lill-attur.

Il-konvenuta tispjega li l-attur kien siefer l-Islovakkja ghal circa tlett gimghat f' Novembru 2006, u meta gie lura mis-safar huwa gab mieghu l-habiba tieghu, "u posti mieghu ma kienx ghad baqa'." Izda, fuq mostoqsija, tghid li z-zwieg taghha ma' l-attur mhuwiex null.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li hi semghet liz-zewg partijiet jiddeponi, u hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-konvenuta, u mhux lill-attur. Inoltre, tikkunsidera l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur bhala tentattiv fjakk sabiex jipprova jakkwista l-annullament ta' zwieg li fil-fehema tal-Qorti huwa wiehed validu.

Is-segwenti osservazzjonijiet fattwali huma opportuni:

[1] Illi mill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta ma jirrizulta xejn li jista' jwassal ghall-integrazzjoni ta' xi wiehed mill-*capita nullitatis* kontemplati fil-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu precitat.

Senjatament, ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew parti, ma kellhomx certu dixxerniment tad-drittijiet u tad-dmirijiet tal-hajja matrimonjali, naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. Lanqas ma rrizulta provat li xi wahda mill-partijiet kienet inkapaci li tassumi dawn l-obbligi matrimonjali.

Wkoll, ma jirrizultax provat li parti kienet affetta minn xi anomalija psikologika serja li kienet ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ta-zwieg; jew li

parti ssimulat il-kunsens fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

[2] Illi l-provi juru li, wara gherusija minghajr problemi u li fiha il-partijiet kienu kuntenti b' xulxin, huma ddecidew li jizzewwgu, kif fil-fatt ghamlu; u wara sentejn miz-zwieg kellhom tarbija, u, sitt snin wara, kellhom t-tieni tarbija. Kuntrarjament ghall-istampa li pprova jghati l-attur, il-konvivenza matrimonjali tal-partijiet kienet wahda felici, sakemm dan ma dahalx f' kuntatt ma' mara barranija tramite l-internet, bir-rizultat li ddecieda li jwarrab il-familja legittima tieghu, biex jibda hajja gdida ma' din il-mara. Kienet din il-mossa tieghu li tterminat ir-relazzjoni matrimonjali tal-partijiet, u wasslithom ghas-separazzjoni personali.

Illi, rigward il-fatt li l-konvenuta hija persuna rizervata u ta' ftit kliem, u li izzomm go fiha, il-Qorti tosserva li dan il-fatt per se ma jikkostitwix raguni valida ghall-annullament. Fil-kaz in dizamina, ma jirrizultax li dan il-fatt kien ta' xi xkiel ghall-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet; di fatti, l-attur kien ilu f' relazzjoni mal-konvenuta minn sitt snin qabel iz-zwieg, u ghalkemm, kien jaf bil-karattru ta' martu, huwa xorta wahda ddecieda li jizzewwigha biex jibni hajja maghha, kif fil-fatt ghamel, bir-rizultat li matul il-konvivenza huma kellhom zewgt-it tfal. Ma jirrizultax pruvat li l-karattru tal-konvenuta kien tali li jikkostitwixxi xkiel serju sabiex tinbena komunjoni ta' hajja u ta' imhabba bejn il-partijiet, b' mod li jirrendiha nkapaci li tassumi l-obbligi matrimonjali. Il-provi juri li hija kienet thobb lil zewgha; kienet, anki bl-ghajnuna ta' ommha li kienet izzomm it-tfal wara l-iskola, baqghet tahdem xoghol full-time anke meta zzewwget; u ma kienitx tirrifjuta lil zewgha meta dana kien javvicinaha tard bil-lejl meta hi tkun diga' raqdet minhabba l-ghejja li kien ikollha wara gurnata xoghol. Barra minhekk kienet tiehu hsieb it-tfal aktar mill-attur.

Il-Qorti thoss opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm l-attur allega diversi nuqqasijiet da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu, u pprova jinkwadrahom fil-*capita nullitatis* minnu promossi fir-rikors promotur, huwa ma rnexxielhux

jipprova sodisfacentement il-kaz tieghu; u ghalhekk it-talba tieghu ghad-dikjarazzjoni tan-nullita’ ta’ dan iz-zwieg timmerita li tigi rigettata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------